# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 20 TA’ SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Nru: 453/02AJD**

**Mary Rose Bugeja f’isimha u ghan-nom ta’ Karen u Jennifer ahwa Bugeja**

**vs**

**Emanuel Bugeja**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz prezentat fil-25 ta’ Frar 2002 fejn l-attrici pro et nomine talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha is-somma ta' elf, erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm1,430.00) rapprezentanti manteniment dovut lill-attrici ghaliha u ghall-uliedha Karen u Jennifer ahwa Bugeja , ghall-perijodu mill-20 ta’ Lulju 2001 sal-1 ta’ Frar 2002 bir-rata ta’ disghin Lira (LM90.00) kull ghaxart ijiem, u dan kif gie miftiehem bejn il-parytijiet permezz ta’ kuntratt datat 23 ta’ Mejju 2000 in atti tan-Nutar Dr. Richard Vella Laurenti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 25 ta’ Settembru 2001, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa huwa eccepixxa n-nullita' tal-Avviz ghas-segwenti ragunijiet:

1. (I) Karen Bugeja fl-1 ta' Marzu 2002, kienet gja' saret maggorenni mill-anqas xahrejn u tlett ijiem qabel u kwindi Mary Rose Bugeja m'ghandha ebda fakulta' legali fic-cirkostanzi ili tirrapprezenta lil Karen Bugeja, u ghaldaqstant l-Avviz huwa null f'dan ir-rigward;

(ii) Illi l-pocedura hija nulla billi dan l-Avviz mhux il-mod legalment idoneju kif l-allegati pretensjonijiet tal-attrici de proprio et nomine ghandhom isiru, kif kull min jaf il-procedura legali ben tajjeb jikkonferma dan;

2. Illi, ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-istess atturi.

Ra n-nota prezentata mill-attrici fis-17 ta' April 2002 fejn hija rriduciet it-talba taghha b'disghin Lira (LM90.00) u dan in vista tal-fatt li fl-1 ta' Jannar 2002 il-minuri Karen Bugeja saret maggorenni, u ghalhekk ghandu jitnaqqas is-sehem taghha tal-manteniment fl-ammont ta' disghin Lira (LM90.00) ghax-xahar ta' Jannar 2002.

Ra s-sentenza tal-10 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza giet deciza in parte fis-sens li giet michuda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, u cioe' dik tan-nullita'.

Sema' x-xhieda tal-attrici u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici qed titlob il-kundanna ghall-hlas tal-konvenut fis-somma ta' elf, tlett mija u erbghin Lira Maltin (LM1340.00) rapprezentanti manteniment dovut minnu

ghaliha u ghaz-zewg uliedha Karen u Jennifer ghsall-perijodu mill-20 ta' Lulju 2001 sal-1 ta' Frar 2002 ( ara prospett esibit mill-attrici a fol. 61). Illi skond il-klawzola numru 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Mejju 2000 in atti tan-Nutar Dottor Richard Vella Laurenti, (a fol. 14 et seq.) il-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-attrici manteniment ta' mitejn u sebghin Lira (LM270.00) fix-xahar, cioe' disghin Lira (LM90.00) ghal manteniment tal-attrici u disghin Lira (LM90.00) kull wiehed ghal uliedu.

Illi l-unika eccezzjoni moghtija mill-konvenut fil-mertu hija li t-talbiet attrici ghandhom jibu michuda . Waqt it-trattazzjoni tal-kawza dwar il-mertu, l-konvenut esebixxa sentenza tal-Prim Awla tal-Qortii Civili tal-4 ta' Lulju 2002, (a fol. 87), u sostna li t-talba attrici kellha tigi michuda a bazi ta' din is-sentenza. F'din is-sentenza il-Prim Awla laqghet it-talba tal-konvenut odjern u ddikjarat in-nullita' tad-digriet numru 71/2001 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili izda f'din is-sentenza l-Qorti laqghet ukoll l-ewwel talba tal-attur (il-konvenut fil-kawza odjerna) u ddikjarat **"li sal-llum ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti partijiet f'din ic-citazzjoni odjerna huma regolati biss u esklussivament mill-Att Pubbliku tat-23 ta' Mejju 2000, in atti Nutar Pubbliku Malti Dr. Richard Vella Laurenti, liema Att Pubbliku jirregola l-firda legali tal-kontendenti partijiet konjugi Bugeja".**

Illi t-talba attrici hija bbazata esklussivament fuq dak stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet tat-23 ta' Mejju 2002 u ghalhekk hija kompletament in regola ma' dak stabbilit fis-sentenza tal-Prim Awla hawn fuq imsemmija. Illi jsegwi li l-eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu hija wkoll infondata.

Illi l-attrici pruvat soddisfacentement li l-ammont mitlub minnha bhala manteniment skond l-Att Pubbliku tat-23 ta' Mejju 2000 ghadu dovut lilha mill-konvenut u konsegwentement it-talba taghha ghandha tintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad ll-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement

jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ elf, tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm1,340.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**